**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Frar 2021**

**Avviz Numru: 102/2020 MLF**

**J. Construction Ltd**

**vs**

**Victor Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta` attrici J. Construction Ltd sabiex il-konvenut Victor Gauci jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt elef, sitt mija sebgha u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€6,667.34) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' fornitura ta' konkrit mibjugh lilu fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa ma hallasx, oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma kapitali, kalkolati mid-dati tal-fattura relattiva.

Nonostante li l-konvenut gie interpellat ihallas diversi drabi, inkluz b'ittra bonarja datata 13 ta' April 2020, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra bonarja fuq imsemmija u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021, il-konvenut ma deherx, ghalkemm kien debitament notifikat, u mill-atti lanqas jirrizulta li ipprezenta risposta.

Fl-istess seduta, il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Chris Aguis, direttur tas-socjeta attrici li ikkonferma li l-konvenut kien ordna l-konkrit minghand is-socjeta attrici u li l-ammont pretiz fl-avviz kien ghadu kollu dovut.

Rat li fl-istess seduta, Dottor Emma Grech iddikjarat li s-socjeta attrici m'ghandhix aktar provi u talbet li l-kawza tithalla ghas-sentenza, u din il-Qorti laqghet it-talba.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati, inkluz l-invoice li ntbaghtet lill-konvenut mis-socjeta attrici u ittra legali li ntbaghtitlu.

Mill-provi prodotti, l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta attrici irnexxielha tipprova t-talba taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef, sitt mija sebgha u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€6,667.34), bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma kapitali, kalkolati mid-dati tal-fattura relattiva, u cioe mid-29 ta' Jannar 2020.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra bonarja tat-13 t'April 2020 u tal-mandat ta' sekwestru, li gie pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**